**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**John Borg**
**Shamison Stafrace**

Numru: 108/15

Illum is-sebgha (7) ta' Marzu 2018

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront ta':

**John Borg**, iben Carmel u Rosanna neé Bondin, imwieled l-Msida nhar it-22 ta' Lulju 1966, residenti 39, Fl 3, Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 525866(M)

[1] *A fol.* 39 u 40.

u

**Shamison Stafrace**, iben missier mhux maghruf u Stephanie neé Stafrace, imwieled Pietà, nhar l-1 ta' Gunju 1997, residenti Block A, Flat 6, Triq il-Madonna tar-Ruzarju, Tarxien, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 212197(M)

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Frar 2015 ghall-habta tal-erbgha u kwart ta' filghodu (04:15am) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt glieda accidentali saru offizi fuq membri tal-Korp tal-Pulizija u persuni ohra mhux maghrufa (Artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija u persuni ohra mhux maghrufa (Artikolu 238(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom (Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

**Lil John Borg wahdu talli:**

7. irrenda ruhu recidiv b'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 7" – *a fol.* 23).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 41 u 42).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 140 *et seq*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 145), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 204), lill-imputati jiddikjaraw li kienu ser jaghzlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri u semghethom ukoll jinfurmaw lill-Qorti li ma kellhomx provi xi jressqu.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru 2017 (*a fol.* 205 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 210 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2015 kien gie nfurmat mis-Surgent Terry James Mallia li z-zewg imputati John Borg u ibnu Shamison Stafrace kienu arrestati peress li allegatament hebbew ghall-Pulizija ta' l-RIU li kienu xoghol f'Paceville dakinhar xi sieghat qabel. Spjega x'inghad lilu meta tkellem mal-Pulizija tal-RIU, cioé ma' PS 321 Alan La Grasta u PC 1039 Marshall Mallia li wegghu fl-incident mertu tal-proceduri odjerni. Jghid li tkellem maz-zewg imputati li rrilaxxaw stqarrija u spjega x'inghad lilu minnhom. Jixhed li mar il-Burger King minhabba li l-incident u l-allegazzjonijiet li kienu saru mill-imputati kienu saru waqt li kienu gewwa l-post imsemmi fejn jghid li ra l-*footage* ghal darba, darbtejn fejn jghid li jidhru l-imputati u persuni ohra jidhlu t-*toilet*, ftit wara jidhlu l-Pulizija tal-RIU, jigbdu lill-missier il-barra, u johrog it-tifel. Jghid li minn *camera* ohra ra lill-missier mal-art, il-Pulizija jigbduh biex iqajmuh minn mal-art u t-tifel mal-art u qed izomm rasu. Jghid li dan kollu jirrizulta minn filmat li jghid li gie mghoddi lilu mill-istabbiliment Burger King, liema filmat gie mmarkat bhala Dok. "TM" (*a fol.* 99). Ezebixxa wkoll bhala Dok. "TM 1" (*a fol.* 99) CD iehor (li jghid li mhux car) li gie moghti mill-*wardens* fejn il-filmat gie mehud minn *camera* li tinsab hdejn il-Peppermint li jinsab fejn il-Burger King u ohra ta' fejn il-Havana. Ikkonferma l-istqarrijiet (Dok. "TM 3" – *a fol.* 15 *et seq.* u Dok. "TM 4" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxati miz-zewg imputati u kif ukoll iz-zewg dikjarazzjonijiet taghhom (Dok. "TM 5" – *a fol.* 21 u Dok. "TM 6" – *a fol.* 22). Ezebixxa wkoll il-fedina penali taz-zewg imputati (li gew immarkati bhala Dok. "JB" – *a fol.* 53 *et seq.* u Dok. "SS" – *a fol.* 57) u kif ukoll estratt mill-att tat-twelid taghhom (Dok. "JB 1" – *a fol.* 56 u Dok. "SS 1" – *a fol.* 58).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li Stafrace qallu li missieru Borg gie msawwat barra l-Havana. Ikkonferma li mhux huma nhargu minn Havana pero dawk li daru ghal missieru. Ikkonferma li nhargu mill-persuni ta' sigurta' tal-Havana. Mitlub jikkonferma: *"qallek ukoll li meta huma hargu sabuhom qed jistennewhom u sawtu lil missieru tant li tawh daqqa ta' ponn fuq imniehru u weggghulu mniehru?"* (*a fol.* 47), wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk dan il-klabb kienx il-klabb Dash, wiegeb li kien il-Havana, u meta nghad lilu li kien Dash u mhux il-Havana, wiegeb li minn ghalih li kien il-Havana. Jghid: *"John Borg gewwa Havana qalli"* (*a fol.* 47). Jghid li huwa ma kellimx lil tas-*security* u li l-Pulizija tal-RIU li marru kienu PS 321, PC 450 u PC 1039. Jekk li jekk mhux sejjer zball kien mar ukoll PC 271. Jixhed li fit-3 ta' Frar 2015 gie ordnat jinvestiga lill-Pulizija in kwistjoni, infetah *file* u gie mghoddi l-*Internal Affairs*. Ikkonferma li mill-bidu nett kien hemm allegazzjoni li l-imputati kienu gew imsawta. Ghad-domanda jekk hux minnu li l-imputat Stafrace qallu li qala' daqqa ta' lembuba, waqa', habat rasu u kellu bzonn punti f'rasu, wiegeb: *"Le…Shamison pero' missieru qal li d-daqqa li kellu f'rasu saret fil-glieda ta' qabel"* (*a fol.* 49). Jikkonferma li Stafrace qal hekk u jghid li fil-filmat jidher qed jaqa' u qed izomm rasu pero' jghid li fl-ebda hin ma jidher qed ihabbat rasu man-naha ta' wara. Mistoqsi jghid li fil-filmat jidher ukoll Stafrace diehel fil-kamra tal-banju u mistoqsi jghid jekk hux minnu li ma jidhirx li kien imwegga' meta kien diehel, wiegeb: *"Ma tista' tara xejn"* (*a fol.* 50). Ikkonferma pero' li mill-filmat jidher li meta hareg mill-kamra tal-banju Stafrace kien qed izomm rasu. Jghid li fil-filmat jidher li PS 321 kellu lembuba. Ikkonferma li l-imputat Borg qallu li l-gerha f'imniehru saret minn xi nies li kienu qed jistennew barra d-Dash jew il-Havana u li qala' bil-lembuba f'dirghajgh. Jghid li mic-certifikat mediku rrizulta li l-imputat Borg sofra ksur *ossia* griehi ta' natura gravi. Jghid ukoll: *"John Borg qal li l-persuna li tah id-daqqa ta' lembuba tahielu minn warajh u x'hin kien qieghed jaqa' mal-art hares lejh u ra wiccu, pero' l-persuna li jidher bil-lembuba f'idu fil-filmat jidher qieghed quddiemu mhux warajh ukoll"* (*a fol.* 51). Mistoqsi jghid jekk deherx li John Borg kien xorob dakinhar, wiegeb li meta deher diehel fil-Burger King, kienu qed izommuh. Jghid li meta kellem liz-zewg imputati, iz-zewg imputati kienu tajbin ghax kieku ma kienx johdielhom stqarrija.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 192) fejn ezebixxa sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju 2009 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. Carmelo Bartolo) vs. John Borg**. Din giet immarkata bhala Dok. "TM 1" (*a fol.* 193 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015, xehed ukoll **PS 321 Alan La Grasta** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien xoghol f'Paceville flimkien ma' PC 271, PC 450 u PC 1039 u ghall-habta tal-4.30am marru diversi nies jghidulhom li kien hemm glieda kbira ftit l-isfel mill-Havana. Jghid li l-kollegi tieghu grew qablu u marru fejn l-Axis. Jghid li kien hemm tgegwigija shiha u ra nies jigru l-isfel lejn il-bajja. Jixhed li f'daqqa wahda gie mdawwar b'madwar sitt min nies u qamet konfuzjoni shiha u f'hin minnhom daruh tliet min nies. Jghid: *"Konna over-powered, ma stajniex nikkontrollawhom"* (*a fol.* 60). Jghid li xi hadd minnhom qallu li mhux lilu jridu jarrestaw pero lill-ohrajn. Jghid li bdew ikeccuhom 'l hemm u PC 271 qabad wiehed minnhom, jekk mhux sejjer zball lill-imputat Stafrace, u ressqu fil-genb. Jghid: *"konna minn taht u dawn kienu fferocjati. Kellna nhalluhom jitilqu"* (*a fol.* 60). Jghid li kienu sitta kontra erbgha u jghid: *"naf li anke kien hemm xi tfajliet, konfuzjoni kienet kbira, naf li kien hemm xi zewg Gharab, kulhadd idur, naf li kien hemm ragel iehor ma' kien qieghed jaghmel xejn kien qieghed idur maghna"* (*a fol.* 61). Jghid li huma marru hemm minhabba glieda. Jiftakar li kien hemm iz-zewg imputati u li qal li daru ghalih. Jghid li kien hemm aktar minn dawn it-tnejn u ma jafx min beda jghidlu: *"Tmissx lil missieri, tmissx lil missieri"* (*a fol.* 62). Jghid li kienu kollha bid-demm u li kien hemm ghajjat, storbju, u twerzieq. Jghid li dan kollu gara fejn l-Axis. Jixhed: *"Wara tlabt lil kollega tieghi lil PC 450 biex jitlob l-assistenza ghax jiena ma kontx naf, dawn rajthom tilghin 'l fuq, naf li xi hadd minnhom beda jibghatna skuzi, f'ghoxx kemm ghandna…"* (*a fol.* 63). Jghid li x'hin waslet l-assistenza, spjegalhom x'kien gara u liz-zewg imputati ma rahomx aktar hlief li jghid li kienu grupp u telqu l-fuq. Jghid li f'hin minnhom mar is-*security* tal-Burger King u qal lil xi hadd minn taghhom li dahlu xi nies bid-demm fit-*toilet* tal-Burger King u b'hekk gie deciz li jmorru hemmhekk. Jghid li PS 601 dahal qablu u

dahlu xi Pulizija mieghu, u dahlu fit-*toilet* u, jekk mhux sejjer zball, hu baqa' barra. Jghid li f'daqqa wahda qamet konfuzjoni shiha peress li l-missier ma riedx johrog, *"kulhadd jaghti u f'hin minnhom tar ghal fuqi"* (*a fol.* 64). Jghid: *"U f'hin minnhom dan hasadni u tajtu daqqa ta' lembuba fejn naf cert li hadtu fuq mohhu"* (*a fol.* 64). Jghid li wara dawn inhargu mill-Burger King u gew arrestati. Jixhed: *"Niftakar il-missier beda jghajjarna hafna beda jghidilna li ha joqtolna u jaqtalna l-bajd u li sejjer ghand il-Ministru u f'ghoxx il-Labour taghkom"* (*a fol.* 64). Jghid: *"Pero' issa kienu tlieta, jekk mhux sejjer zball kienu tlieta fil-vann u l-vann bdew jaghtuh daqqiet kbar li x-xufier qisu' beza'"* (*a fol.* 64). Jghid li wara Stafrace qallu li hu (PS 321) kien tah daqqa go rasu, sar rapport u hu (PS 321) gie nterrogat. Jghid li l-imputat Borg gie mmanettjat b'idejh wara minn PC 1309 quddiem l-Ghassa u li min ghalih li l-imputat Stafrace kien immanettajt quddiem il-Burger King. Indika liz-zewg imputati fl-awla.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ilu Pulizija kwazi hamsa u ghoxrin (25) sena u li ufficjali li jifformaw parti mill-RIU jinghataw *training* differenti. Jghid li ilu parti mill-RIU ghal disa' (9) xhur. Jghid li kien hemm zmien fejn kien jifforma parti mill-SAG. Jikkonferma li tnejn mis-sitt min nies li rrifera ghalihom aktar qabel kienu mahsulin bid-demm. Mistoqsi minn *over-powered him*, wiegeb: *"Ha niftehmu hekk, ahna dak il-hin jien mhux ha noqghod nara ma' genbi min hemm u min m'hemmx, jiena kien hemm tgegwigija, nies jghajjtu u jwerzqu, dak jghidli igbor lil dak, dak jghidli arresta lil dak, dawn mifqughin bid-demm, jissemmew il-fliexken"* (*a fol.* 67). Jghid li hu ma ra l-ebda flixkun. Jghid li hu ccappas bid-demm taghhom. Mitlub jikkonferma jekk hdejn il-Havana ma kellux demm, wiegeb: *"Nahseb, nahseb qed nghidlek"* (*a fol.* 67). Jghid pero li meta kien ghadu hdejn il-Havana ma kienx induna li kellu d-demm fuqu. Jghid li ma setghax joffri l-ghajnuna lil dawk li kienu mahsulin bid-demm peress li dawn iggieldu maghhom. Mistoqsi jghid minn min *he was overpowered*, wiegeb: *"Qabzu fuqi, aggredewni, daruni tlieta (3), dawn qabzu, kif nista' nispjegalek, glieda hu"* (*a fol.* 68). Qal ukoll: *"Dawn it-tnejn [l-imputati] zgur u kien hemm ragel iehor"* (*a fol.* 68). Jghid li ma ghandux idea ghala l-imputati daru ghalih. Jghid li x'hin wasal hu ra n-nies jigru l-isfel u l-kollegi tieghu qed jippruvaw izommu lill-imputati. Mistoqsi jghid jekk lil dawk li

grew l-isfel (li skond id-difiza huma dawk li sawtu lill-imputati) marrux warajhom, wiegeb: *"Le ma stajniex ghax kont qed nipprova nzomm lil dawn"* (*a fol.* 69). Jghid li ma rax nies imsawta pero nies bid-demm. Mistoqsi jghid jekk l-imputati kellhomx feriti, wiegeb li, jekk mhux sejjer zball, l-imputat Borg kellu daqqa go wiccu, u jispecifika bejn imniehru u xuftejh. Jghid li dak il-hin waqt li kien ghadu l-Havana huwa kellu lembuba. Mistoqsi jghid jekk uzahiex dak il-hin, wiegeb: *"Ma niftakarx li wzajtha, pero' kienet f'idi"* (*a fol.* 69). Jghid li, sa fejn jaf, hu biss kellu lembuba. Jghid li kellu lembuba f'idu biex ikun jista' jilqa' d-daqqiet. Jghid li dawn gew imhollija jitilqu. Jixhed li marru xi zewg *units* ohra tal-RIU u li marru PS 601, PC 1372, minghalih PC 850 u min ghalih PC 1514. Jghid li ma jafx min qal li kien mar *security* tal-Burger King u qalilhom dak li qal qabel. Jghid li hu ma jafx li kien hemm xi inkwiet gewwa Burger King pero kkonferma li hass li kellu jmur warajhom got-*toilet*. Ghad-domanda ghala mar ghalihom fit-*toilet* bil-lembuba wara li kien halliehom jitilqu, u nfurmat mill-Qorti li kellu dritt ma jirrispondiex, ghazel li ma jirrispondiex.

In <u>ri-ezami</u> jghid li Dok. "TM 1" (*a fol.* 13) huwa certifikat mediku tieghu. Ikkonferma li huwa sofra l-griehi li jirrizultaw minn dan ic-certifikat. Jghid li dawn soffriehom meta kienu hdejn il-Havana. Mistoqsi jghid jekk jafx kawza ta' min soffriehom, wiegeb fin-negattiv. Jghid li kull ma kellu kien ugiegh pero hass li kellu jmur il-*clinic*.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jikkonferma li hu ma kellux tbengil, u anqas grif, wiegeb: *"Le, le ugiegh, weggha kelli jien"* (*a fol.* 72). Jghid li ma kien hemm xejn viziv. Jghid li hu ma ha lil hadd l-isptar.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015, xehed ukoll **PC 1039 Marshall Mallia** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2015 kien xoghol Paceville flimkien ma' PS 321, PC 271 u PC 450 u ghall-habta tal-4.30am marru diversi persuni u nfurmawhom li kien hemm argument Footloose. Jghid li huma u sejrin diversi nies bdew jghajjtu u jghidu: *"baqghu nezlin l-isfel"* (*a fol.* 74). Jghid li meta waslu quddiem l-Axis sabu madwar hmistax (15) il-ruh jiggieldu bejniethom. Jghid li x'hin waslu hemm bdew jifirdhoum fejn grupp

minnhom qabad nizel l-isfel direzzjoni lejn il-bajja u l-grupp l-iehor qabad jghajjat maghhom u ppruvaw ikomplu jmorru ghal persuni l-ohra. Jghid li z-zewg gruppi li semma' kienu ta' sebgha kull wiehed. Jghid li hamsa minn nies tal-grupp li baqa' hdejhom kellhom id-demm zgur. Jghid li l-imputat Stafrace kellu daqqa fuq rasu n-naha ta' wara tal-iskutella u li l-imputat Borg kellu hafna demm ma' wiccu. Identifika liz-zewg imputati fl-awla. Jghid li huma l-Pulizija bdew jippruvaw izommu lil dan il-grupp li baqa' hdejhom u dawn qabdu jghajjruhom u qabdu jiggieldu maghhom. F'hin minnhom sema' lil PC 450 Christopher Bartolo jitlob ghall-assistenza permezz tar-radju peress li kienu izjed minnhom. Jghid li ma' dan il-grupp li baqa' hdejhom kien hemm ukoll zewg tfajliet li ppruvaw izommuhom. Jghid: *"Ahna bdejna nzommuhom lura hemmhekk u nimbuttawhom lura u naf li hin minnhom rajt xi tlieta (3) jaqbzu fuq is-surgent [La Grasta] daruh, mort naqla' n-nies minn fuqu"* (*a fol.* 76). Jghid li wara ftit hin jghajjruhom, dan il-grupp beda mixi l-fuq u huma (il-Pulizija) baqghu fejn kienu biex hadd ma jerga' jigi lura. Jikkonferma li fil-hin li kienu quddiem Axis is-Surgent La Grasta kellu lembuba f'idu u li beda jimbotta lin-nies biha u jispecifika li beda jzommha fuqu u jressaq in-nies lura. Jghid li ma rahx jaghti biha u jixhed li ma ra lil hadd minnhom il-Pulizija jaghti jew juza l-lembuba hlief kif spjega. Jghid li filwaqt li l-imputat Stafrace beda jghid li lil missieru kienu tawh daqqa ta' flixkun, l-imputat Borg qal li kienu tawh daqqa ta' flixkun. Jghid li hekk kif dan il-grupp mxew il-fuq, giet vettura ohra tal-Pulizija bi tnejn minn nies ohra u vettura tad-distrett b'madwar hames Pulizija u bdew mexjin lura l-fuq lejn quddiem Burger King f'liema hin mar is-*security* tal-Burger King u qalilhom li kien hemm grupp nies got-*toilet* ta' Burger King kollha demm. Jghid li huma (il-Pulizija) dahlu go Burger King u PS 610 fetah il-bieb tat-*toilet* fejn sab lill-imputati got-*toilet* u talabhom johorgu minn hemm u l-imputati rrifjutaw u bdew jidhlu aktar il-gewwa. Jixhed li s-Surgent qabad lill-imputat Borg minn idu u hargu l-barra f'liema hin l-imputat Borg qabad jghajjat u ntefa' mal-art. Jghid li l-imputat Borg kien fi stat ta' sakra. Jghid li hekk kif l-imputat Borg intefa' mal-art, PC 271 u hu (PC 1039) qabduh minn idejh, tellghuh fuq saqajh u harguh il-barra fejn ghaddewh lill-Pulizija ohra u dahhluh fil-vann. Jghid li hekk kif huwa nizel biex jigbor lill-imputat Borg meta dan intefa' mal-art, l-

imputat Stafrace hareg jigri minn got-*toilet* u qabez fuq xi Pulizija. Jghid li l-Pulizija l-ohra hargu lill-imputat Stafrace u ddahhal fil-vann ukoll. Jghid li fil-vann kien hemm iz-zewg imputati u kif ukoll certu Omar li kien maghhom. Jghid li l-imputat Borg gie mmanettjat meta wasal hdejn l-Ghassa tal-Pulizija u mistoqsi ghala ma giex mmanettjat hdejn il-Burger King, wiegeb: *"Ghax x'hin hrignieh kien qieghed jisserra maghna dak il-hin u kif wasalna hdejn il-vann deher qisu li ha jikkalma u dahhalnieh fil-vann, biss pero' mbaghad x'hin wasalna quddiem l-Ghassa rega' beda jsir agressiv"* (*a fol.* 79). Mistoqsi jghid x'qallu meta kien qed jigi mmanettjat, wiegeb: *"is-soltu theddid"* (*a fol.* 79) u specifika li qallu: *"naqtghalek il-bajd, ha nkellem lill-Ministru, ha naqghalek minn Pulizija, daqshekk ha tilbes l-uniformi […] f'ghoxx il-Labour taghkom"* (*a fol.* 79). Jghid li kemm hu kif ukoll is-Surgent marru jaghmlu certifikat. Jghid li hu kellu xi grif f'idu. Ikkonferma li c-certifikat tieghu huwa dak immarkat bhala Dok. "TM 2" (*a fol.* 14). Jghid li l-griehi graw meta kienu quddiem Axis waqt li kien qieghed jaqla' lill-imputat Stafrace minn fuq is-Surgent. Mistoqsi min ghamilhom, wiegeb: *"Nissuspetta illi Shamison ghax kont qed naqilghu"* (*a fol.* 80).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta ra lill-imputat Stafrace barra l-Axis, ra li kellu hafna demm ma' wiccu u jghid li kellu farrett in-naha ta' wara tal-iskutella ta' rasu. Mistoqsi jghid x'ghamillu Stafrace lis-Surgent, jghid: *"Qabez fuqu u qlajtu minn fuqu"* (*a fol.* 81). Ikkonferma li anke l-imputat Borg kellu d-demm ma' wiccu. Mistoqsi jghid jekk offrewlhomx li jehduhom l-iSptar, wiegeb: *"Ma tawniex cans. Lilna bdew joffenduna"* (*a fol.* 81). Qal ukoll li bdew jiggieldu maghhom (mal-Pulizija). Jghid li hu kellu xi demm mal-uniformi. Jikkonferma li meta l-imputati kienu fit-*toilet* ta' Burger King ma kienux qed jaqilghu l-inkwiet. Jghid li qabel ma setghux jordnaw l-arrest taghhom peress li kienu *outnumbered*. Jghid li quddiem Axis beda jghidilhom biex jersqu l-hemm u biex ma jkabbrux l-affarijiet u li l-imputati komplew joffenduhom u huma (il-Pulizija) qalulhom: *"jekk ha tibqghu sejrin hekk, ha narrestawkom"* (*a fol.* 85). Jghid li ma setghux jghidulhom li kienu taht arrest peress li dak il-hin ma kellhomx il-mezzi biex jahdmu. Ikkonferma li minkejja li l-imputati ma kienu qed jaghmlu xejn hazin fit-*toilet* ta' Burger King, l-imputati gew arrestati minhabba li gara qabel. Jghid

li hekk kif l-imputat Borg gie biex jinhareg mill-Burger King, dan beda jissielet maghhom u jghajjat u f'dan il-hin hu (PC 1039) qallu li kien taht arrest. Jghid li lill-imputat Stafrace mhux hu arrestah. Mistoqsi jghid jekk jafx li dirghajn l-imputat Borg kienet inqalghet minn postha, wiegeb fin-negattiv. Jghid li hu kien qed izomm in-naha tax-xellug u li l-lemin kien qed izommha PC 271. Jikkonferma li gie nvestigat u li ilu Pulizija hames (5) snin.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2015, xehed **PS 601 Justin Spiteri** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut fil-hin li kien *duty night patrol* waqt li kien ronda f'Hal Qormi flimkien ma' PC 1514 sema fuq ir-radju tas-servizz tal-vettura l-kliem *"ha jduruna"* u jghid li gharaf il-vuci ta' PC 450 Christopher li kien *duty* f'Paceville. Jghid li wara xi hames minuti waslu fejn il-Burger King, mar fejn l-Axis fejn kien hemm PS 321, PC 450, PC 271 u PC 1039 u qal x'gie nfurmat li kien gara. Jghid li meta wasal fuq il-post kien kollox kalm. Jghid li flimkien ma' PS 321, PC 450, PC 271 u PC 1039 marru l-Burger King. Jixhed li jew hu jew PS 321 fethu l-bieb tat-*toilet*, u PS 321 indikalu lill-imputat Borg. Jghid li kien hemm ukoll l-imputat Stafrace. Jghid li qal lill-imputat Borg biex johrog u li Borg irrifjuta. Jghid: *"Imma once li dhalt fit-toilet jiena gejt hdejh, hareg u ghaddejtu lill-Pulizija ta' warajja"* (*a fol.* 91). Jghid li, jekk mhux sejjer zball, il-Pulizija ta' warajh kien PC 271. Jghid li lill-imputat Stafrace mhux hu hargu mit-*toilet*. Jghid li l-imputat Stafrace qallu li ried jidhol fejn missieru l-imputat Borg li kien fil-vann u li eventwalment tnizzlu l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Jghid li baqa' Paceville. Jghid: *"Jien x'hin wasalt Paceville is-sitwazzjoni kienet kalma. Jiena fl-ebda hin ma rajt argument jew glieda ghax kienu lahqu telqu minn fuq il-post"* (*a fol.* 92). Ix-xhud indika lill-imputati fl-awla.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2015, xehed ukoll **PS 750 Terry James Mallia** (*a fol.* 94) fejn ikkonferma l-okkorrenza li hejja hu li tinsab immarkata bhala Dok. "TM" (*a fol. 7 et seq.*). Jghid li fil-hin tal-incident ma kienx fuq il-post.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2015, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejnipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 100 *et seq.*). Huwa rritorna wkoll Dok. "TM"

u "TM 1" (*a fol.* 99). Jghid li t-tielet parti tal-*video* huwa tal-Burger King u jghid li hareg il-partijiet rilevanti fejn jidhru z-zewg imputati dehlin mill-bieb ta' barra tal-Burger King, wiehed qed izomm lill-iehor. Jghid li jidhru wkoll il-Pulizija dehlin fil-*bathroom* u hargu xi persuni minn hemmhekk. Jiddeskrivi x'jidher aktar fil-filmat. Jghid li waqt li kienu qeghdin jinhargu kien hemm xi kommozzjoni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2015, xehdet ukoll **Dr. Angel Farrugia** (*a fol.* 137 *et seq.*) rigward certifikati medici mmarkati bhala Dok. "TM 1" (*a fol.* 13) u Dok. "TM 2" (*a fol.* 14). Ikkonfermat li rrilaxxat dawn iz-zewg certifikati. Tghid li kienet rat lil Alan La Grasta fl-1 ta' Frar 2015 li bhala natura ta' griehi kienet hafifa u tghid bhala griehi sabet li kellu ugiegh muskolari mal-kustilja ta' taht l-id il-leminija. Tghid li rat ukoll lil Marshall Mallia fl-1 ta' Frar 2015 fis-5.50am u bhala griehi sabitlu grif mal-wara tal-id ix-xellugija. Tghid li z-zewg persuni rathom fil-Floriana Health Centre.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, xehed **PC 1372 Alan Cutajar** (*a fol.* 146 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut ghall-habta tal-4.30am kien jinsab *patrol* fl-*area* ta' San Giljan u tas-Sliema fejn f'hin minnhon intalbet l-assistenza fuq ir-radju ghal quddiem il-Havana minn PC 450. Jghid li kif waslu fit-triq tal-Havana sabu konfuzjoni. Jispjega li nizlu mill-vettura u jghid li ma kienx l-istess argument li ntbaghtu ghalih. Jghid li gie mrikkeb persuna arrestata fil-vettura, innutaw persuna tiela' fid-direzzjoni tat-*taxi stands* li kellu xi griehi f'wiccu u minkejja li ppruvaw ikellmuh, ghamlilhom sinjal biex ihalluh. Jghid li dan kien l-imputat Borg li jghid li dak il-hin kien wahdu. Jghid li baqghu nezlin lejn l-Ghassa tal-Pulizija f'San Giljan bil-persuna l-ohra li kellhom arrestata. Jghid li wara xi hin li waslu fl-Ghassa tal-Pulizija msemmija, waslu wkoll iz-zewg imputati u li hekk kif l-imputat Borg iddahhal fic-cella, Borg beda jghid diversi kliem dispreggjattiv u ghamel theddid fil-konfront tal-Pulizija. Jixhed: *"Beda jghid li kollha jreddahhulhom u inpattiehilhom, misshom ma' ndahlux fil-glieda, beda jghid ukoll li l-ghada ser imur fuq in-Net biex jghid x'kien gara u ma garax. Beda jhedded ukoll li kollha ser ninqalghu mill-SAG, la ma arrestawx lill-ohrajn, inreddawulhom"* (*a fol.* 147). Ix-xhud identifika lill-imputat Borg fl-awla.

In kontro-ezami jghid li hu ma kienx involut meta z-zewg imputati kienu gewwa l-Burger King.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PC 850 Stephen Micallef** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn qal li fl-1 ta' Frar 2015 kien xoghol ta' bil-lejl flimkien ma' PC 1372 fl-*area* ta' San Giljan. Jixhed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1372. Jghid li meta ra lill-imputat Borg (li gie identifikat fl-awla) tiela' mid-direzzjoni ta' Havana lejn il-Burger King b'wiccu bid-demm, ipprova jwaqqfu u staqsieh jekk kienx kollox sew u li l-imputat Borg injorah u baqa' sejjer. Jixhed ukoll li z-zewg imputati ttiehdu fl-Ghassa tal-Pulizija u li t-tnejn li huma kellhom riha ta' xorb u qal: *"bdew jghidu kliem bhal kienu fi glieda, tawna xebgha gol-Burger King"* (*a fol.* 150). Mistoqsi min, jghid li l-imputat Borg qal hekk u qal ukoll kliem bhala: *"inreddahulhom, inpattiehilhom, noqtolhom"* (*a fol.* 150). Jghid li l-imputat Borg kien fi stat ta' sakra. Jghid ukoll li l-imputat Borg beda jghid li kien ser inehhiehom mill-SAG.

In kontro-ezami jghid li ma kienx prezenti waqt l-arrest taz-zewg imputati fil-Burger King. Jikkonferma li l-imputat John kien qal li qala' xebgha minn ghand il-Pulizija waqt l-arrest.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PC 271 Anthony Saliba** (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien stazzjonat gewwa Paceville flimkien ma' PC 450, 1039 u PS 321 u ghall-habta tal-4.30am gew infurmati li kien hemm glieda vicin l-Axis. Jghid li kif waslu raw tgegwigija ta' nies u minkejja li ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni gew *outnumbered*. Jghid li setgha jinnota li xi persuni kellhom xi griehi u li kellhom hafna demm. Jghid li ntalbet l-assistenza u kif gara hekk bdew tilghin 'l fuq u gew infurmati li dahlu gol-Burger King. Jghid li dahlu fil-Burger King biex johorguhom mit-*toilet* u minn hemm gew infurmati li ser jigu arrestati pero l-imputat Borg ghal xi raguni ma riedx u beda joffri rezistenza. Jghid li l-imputat Borg intefa' mal-art u x'hin ingabar u kienu hergin bih, hu (PC 271) kien fuq in-naha tal-lemin tieghu, qala' jdejh minn mieghu (minn ma' PC 271) u qallu kliem oxxen u vulgari. Jghid: *"Il-kliem kien "naqtalghkom il-bajd" u "nsibkom kollha" fost kliem oxxen iehor jigifieri"* (*a fol.* 153). Mistoqsi

jghid x'gara hdejn l-Axis, jghid li ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni pero ma setghux *"ghax kull darba nikkalmaw lil xi hadd jigi xi hadd iehor u hin minnhom anke zammejt lit-tifel tieghu jien Shamison u hadtu fil-genb kien hemm xi tfajla ukoll bdiet tikkalmah"* (*a fol.* 154). Ix-xhud identifika liz-zewg imputati fl-awla.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li wara li z-zewg imputati telqu minn quddiem Axis, sema' lis-Surgent jghid li daruh xi nies u li riedu jitilghu u jarrestaw ha jaraw x'gara. Jikkonferma li meta z-zewg imputati kienu fit-*toilet* tal-Burger King huma ma bdewx ikissru. Jikkonferma wkoll li kienu hemm qed jitnaddfu mid-daqqiet li kellhom. Jghid li hu ma ta l-ebda daqqa ta' lembuba. Mistoqsi jghid jekk hu kienx wiehed minn tal-ewwel li dahal fit-*toilet*, wiegeb: *"Iva jien kont dhalt flimkien ma' Surgent 601 Justin u ghidnilu li ha jigu arrestati"* (*a fol.* 155). Mistoqsi jghid f'liema hin harget il-lembuba, qal: *"Ma kontx hemm, kont dari lejn il-Pulizija, jien kont fit-toilet ahna u hergin. Beda joffri rezistenza jintelaq mal-art ovvjament"* (*a fol.* 155). Ma jafx jekk id-daqqa qalaghhiex qabel.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PC 1514 Daniel Debattista** (*a fol.* 157 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2015 ghall-habta tal-4.30am kien *patrol* ma' PS 601 Justin Spiteri fl-*area* ta' Hal Qormi. Jixhed li sema' lis-Surgent La Grasta jghajjat agitat fuq ir-radju *"daruna, daruna, daruna"* (*a fol.* 157). Jghid li marru fuq il-post u li hu baqa' ma' xi kollegi ohra quddiem l-Axis u bdew jaraw fejn setghu marru min kien involut fil-glieda. Jghid li wara ftit sema' fuq ir-radju jghidu li kienu sejrin Burger King u li sakemm mar Burger King l-imputati kienu diga lehqu ddahlu fil-vann. Ix-xhud identifika liz-zewg imputati fl-awla.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PC 450 Christopher Bartolo** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien xoghol Paceville quddiem Burger King flimkien ma' PS 321, 271, u 1039 u f'hin minnhom gew infurmati li kien hemm xi glieda jew argument 'l isfel minn Axis. Jghid li marru fuq il-post u ra li kien hemm xi hadd kien qisu ta daqqa ta' ponn lil xi hadd iehor. Jghid: *"Dak il-hin qisni bqajt inzommu quddiem ghajnejja dan il-bniedem jaghti d-daqqa ta' ponn u kif wasalna zammejt lilu minn wara u*

*bdejt nghidlu kif kont qieghed minn wara bdejt nghidlu "Pulizija, Pulizija". Kif zammejtu qisu dar qisu biex jaghti bil-minkeb"* (*a fol.* 159). Jghid li dan il-persuna kien l-imputat Borg li gie identifikat fl-awla. Jixhed: *"Dak il-hin ezatt kif dar lejja biex dak induna li kellu mniehru u halqu kienu bid-demm"* (*a fol.* 159). Jghid li lill-imputat Borg baqa' jghidlu li huma Pulizija u li kif kien qed izomm lill-imputat Borg, hass lil xi hadd jiddendel qisu ma' dahru u jaf li l-kollegi tieghu gibduh. Jghid li l-imputat Borg infexx jidghi u jghajjat. Jghid: *"Qalli "hallejthom jitilqu", ghidtlu "ghidilna min ha narrestawhom", u "issa ma rrid nghidilkom xejn" u hafna minn dawn l-affarijiet"* (*a fol.* 160). Jghid li kellhom riha ta' xorb u li qalu liz-zewg imputati u lil xi hadd iehor li kien maghhom biex jitilqu l-hemm. Jghid li dawn telqu lejn ic-centru ta' Paceville u li f'dak il-hin waslu kollegi ohra u bdew telghin il-fuq. Jghid li hekk kif wasal fejn kien il-Browns, ra kommozzjoni gewwa Burger King u hu u diehel Burger King ra lill-kollegi tieghu jargumentaw u li kien hemm l-imputati. Jghid li dan il-hin xi hadd ghaddielu lill-imputat Borg u nizzlu fil-vann f'liema hin l-imputat Borg infexx jidghi u joffendiehom. Jghid li l-imputat Borg semma' wkoll il-politika u ghamel hafna offizi personali lejhom. Jghid li ngib ukoll l-imputat Stafrace li wkoll issakkar fil-vann. Jghid li kif marru l-Ghassa tal-Pulizija, kompla t-theddid u l-offizi.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, xehed **Srdjan Dimitrijevic** (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn qal li hu jahdem bhala *security* f'Burger King ta' Paceville. Ikkonferma li s-sena ta' qabel fl-ahhar gurnata ta' Jannar fil-bidu ta' Frar kien hemm incident. Jghid li kien fil-bieb tal-Burger King u ra tliet persuni, tnejn minnhom indikahom bhala l-imputati. Jghid li ra vetturi tal-Pulizija gejjin u sejrin. Jghid li nforma lill-Pulizija li kien hemm xi hadd fil-hanut. Jghid li baqa' fil-bieb u ra hafna nies. Jghid li t-tliet min nies li semma qabel kienu gewwa u li, jekk mhux sejjer zball, l-imputat il-kbir fl-eta' beda jidghi.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 168) fejn qal li kien inkarigat jezamina lill-imputati wara li dawn allegaw li qalghu xeba' minn ghand il-Pulizija. Jghid li dawn gew ezaminati fit-3 ta' Frar 2015. Spjega xi griehi kkonstata li kellhom iz-zewg

imputati. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 169 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "TM 3" – *a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat **John Borg** lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Trevor Micallef, liema stqarrija giet rilaxxata fl-1 ta' Frar 2015 wara li l-imputat Borg inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "TM 5" – *a fol.* 21), l-imputat Borg qal li dakinhar tal-1 ta' Frar 2015 filghodu hu u Stafrace kienu gewwa l-Havana u mar wiehed u allega li darba kien mess lil huh. Jghid li tal-Havana hargu lil dan il-persuna mal-ewwel il-barra u hekk kif hargu hebb ghalih (ghal Borg) u kien hemm hamsa ohra mieghu lesti ghalihom. Jiddeskrivi x'gara gewwa l-Havana u li ra d-demm f'ras ibnu u hu (Borg) tah daqqa ta' ponn lura. Jghid: *"X'hin tghajtu daqqa ta' ponn lil dan li ma nafx min hu pero' li naf li joqghod il-Hamrun ghax kien qalli qabel minn fejn hu, telqu jigru 'l isfel lejn it-tarag. Dhalna go hanut ma nafx x'jismu, it-tifel jaf pero', morna t-toilet biex nahsillu rasu ghax kienet bid-demm u anke jien ghax infragt u ma nafx min tahieli, x'hin konna hergin mit-toilet rajna l-Pulizija ezatt ma' wiccna"* (*a fol.* 16). Jghid li l-Pulizija qabdu jghajjtu maghhom u li wiehed li kien bil-beritta mghawwga mar minn warajh u tah daqqa ta' lembuba minn wara u nizzlu mal-art. Jghid li jaf min hu ghax x'hin kien nizel ra min kien u ralu l-lembuba f'idu. Jghid li dan qabdu minn idu u hu (Borg) beda jghidlu li kienet qed tugagh idu u dan qallu biex joqghod hemm u rabathomlu u gie mghobbi fil-vann u ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija. Jichad li fil-glieda li semma hdejn il-Havana kienu marru l-Pulizija jippruvaw iferquhom u li huma hebbew ghalihom. Jghid li l-Pulizija marru fil-hin li kienu fit-*toilet*. Jghid li hu ma ra lil ebda Pulizija jhebb ghall-ibnu ghax lilu (lil Borg) rabtuh u dahluh mal-ewwel fil-vann. Jghid li l-Pulizija beda jkellmu hazin. Jichad li waqt dan l-argument hebbew ghall-Pulizija tal-RIU u li wegghu zewg Pulizija. Ma jafx jispjega kif iz-zewg Pulizija soffrew griehi. Jghid li l-ksur li ghandu f'idu ghamilhomlu l-Pulizija bil-lembuba u li l-ksur li ghandu f'imniehru ghamilhomlu xi hadd minn dawk li kellu l-argument maghhom hdejn il-Havana. Ghad-domanda jekk dak il-lejl kienx fis-sakra,

wiegeb: *"Le izda ma kontx fis-sakra"* (*a fol.* 16). Jghid li d-daqqa li qala' bil-lembuba qalaghha ezatt kif hareg mit-*toilet,* marru erbgha minn quddiemu u mar dan il-Pulizija li semma' minn warajh u tah daqqa ta' lembuba u *"nizzilni"* (*a fol.* 16).

Illi, fl-istqarrija (Dok. "TM 4" – a fol. 18 et seq.) rilaxxata mill-imputat **Shamison Stafrace** lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Trevor Micallef, liema stqarrija giet rilaxxata fl-1 ta' Frar 2015 wara li l-imputat Stafrace nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "TM 6" – *a fol.* 22), meta Stafrace gie mistoqsi jghid x'gara dakinhar kmieni ghall-habta tal-4.30am jghid li ra li kien hemm guvni beda jargumenta ma' missieru u qabad u fajjar daqqa ta' ponn f'wicc missieru, imbaghad marru tlieta ohra ppruvaw jaghtu lil missieru u missieru mbotta lil wiehed minn wiccu, kien sejjer iehor ghal missieru u tah daqqa hu (Stafrace). Jghid li kien hemm siehbu Omar u hu u bdew jimbuttaw lil missieru u jerfghuh u haduh lejn Burger King. Jghid li marru l-Pulizija, ferquhom u marru lejn Burger King, dahhlu lil missieru fit-*toilet* u bdew innehulu d-demm. Jghid li kien hemm hu, missieru, Omar Graham u Wenzu ma jafx x'kunjomu. Jghid: *"F'daqqa wahda rajna l-bieb jinfetah u l-bieb laqatni go xuftejja u kien hemm xeba' Pulizija u wiehed lil missieri qallu biex johrog barra, dan l-istess Pulizija li ma nafx min hu ta daqqa ta' lembuba sewda fuq id missieri fejn il-muscle, hrigt nigri jiena u bdejt nghidlu "tmissux, tmissux, tmissux" u qalli "x'ma mmissux" u taha lili wkoll bil-lembuba go mohhi fuq in-naha tax-xellug"* (*a fol.* 19). Jghid li f'dan il-hin, hu (Stafrace) waqa' lura u habat rasu u fetahha u kellu jaghmel il-ponti. Jghid li x'hin ittella' fil-vann, l-istess Pulizija lilu qallu: *"Itla' pufta"* (*a fol.* 19). Jghid li ttiehdu l-Ghassa tal-Pulizija u li l-istess Pulizija beda jghid li hu (Stafrace) ipprova jhebb ghalih u jaghtih ir-restijiet. Ghad-domanda: *"Jekk nghidlek li waqt dik il-glieda li sehhet barra Dash, dawk kollha li kontu involuti fil-glieda hebbejtu ghal Pulizija, xi tghid?"* (*a fol.* 19), wiegeb: *"Jien ma rajt lil hadd ihebb ghal Pulizija"* (*a fol.* 19). Jichad li waqt li kienu fil-Burger King, hu u missieru hebbew ghall-Pulizija tal-RIU. Mitlub jispjega l-fatt kif zewg Pulizija sofrew xi griehi, wiegeb: *"Mhux minn ghandna zgur"* (*a fol.* 19). Mitlub jghid kif saru l-griehi li ghandu fuq in-naha tal-lemin ta' widnejh, wiegeb: *"Dak laqatni missieri, grif kull ma hu,*

*laqatni bi zball"* (*a fol.* 19). Mistoqsi jghid fejn grat ezatt id-daqqa li qal li qala' missieru u hu bil-lembuba mill-Pulizija, wiegeb: *"X'hin tohrog mit-toilet ta' Burger King, missieri kien ghadu fit-toilet u lili kont ilhaqt hrigt nigri u tahieli hdejn it-toilet ta' Burger King"* (*a fol.* 19).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tal-1 ta' Frar 2015 kmieni filghodu kien hemm glieda bejn zewg gruppi ta' nies gewwa Paceville fl-akwati fejn hemm l-Axis fejn f'wiehed mill-gruppi kien hemm iz-zewg imputati. Jirrizulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post ippruvaw iwaqqfu din il-glieda fejn grupp wiehed nizel lejn il-bajja ta' San Gorg u l-grupp l-iehor li maghhom kienu z-zewg imputati marru fid-direzzjoni l-ohra, cioé lejn fejn hemm Burger King. Eventwalment marret l-assistenza ghall-Pulizija gol-Burger King fejn fit-*toilet* tal-istabbiliment imsemmi kien hemm iz-zewg imputati li gew arrestati wara li qamet kommozzjoni.

Illi, fir-rigward ta' dak li gara fl-1 ta' Frar 2015, l-imputati gew akkuzati b'diversi imputazzjonijiet. Id-difiza tallega li l-imputati gew maltrattati mill-Pulizija tant li l-istess difiza tallega, fost l-ohrajn, li mentri l-imputat Stafrace nghata daqqa ta' bieb f'wiccu, iehor ta daqqa ta' lembuba lill-imputat Borg u kisirlu jdejh.

Illi l-Qorti tinnota li fl-atti processwali ssir riferenza ghall-fatt li l-imputat Shamison huwa iben l-imputat l-iehor Borg. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta' diversi xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u nghad hekk ukoll fis-sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 210 *et seq.*). Bhala stat ta' fatt, il-Qorti tinnota li fil-konnotati tal-imputat Stafrace (*a fol.* 39), l-imputat Stafrace gie ndikat li huwa "iben missier mhux maghruf". Jirrizulta hekk ukoll fl-estratt mill-att ta' twelid tal-imputat Stafrace (Dok. "SS 1" – *a fol.* 58).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija

necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-Artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

- Iz-zewg gruppi ta' nies li jsiru riferenza ghalihom aktar il-fuq f'din is-sentenza (fejn l-imputati kienu jiffurmaw parti minn wiehed mill-gruppi) kellhom xi jghidu bejniethom qabel il-Pulizija accedew fejn kien qed isehh l-argument tant li z-zewg imputati kellhom diga xi demm fuqhom qabel il-Pulizija waslu hdejhom.

- Il-glieda hawn fuq imsemmija holqot tgegwigija liema bhalha minhabba l-ammont ta' nies involuti fiha. Bhala parentezi, il-prezenza tal-Pulizija ghamlet tajjeb ghax setgha kien hemm konsegwenzi akbar kieku l-Pulizija ma ntervjenietx.

- PS 321 Alan La Grasta spjega li kien hemm tgegwigija shiha. Spjega li gie mdawwar b'madwar sitt min nies u qamet konfuzjoni shiha u li f'hin minnhom daruh tlieta min nies. Jghid: *"konna minn taht u dawn kienu fferocjati. Kellna nhalluhom jitilqu"* (*a fol.* 60). Spjega li z-zewg imputati flimkien ma' persuna ohra daru ghalih. Jghid li dawn it-tliet minn nies qabzu fuqu, aggredewh u daruh. Aktar tard spjega li meta waslet l-assistenza u marru ghaz-zewg imputati li rrizulta li kienu f'Burger King, qamet konfuzjoni shiha peress li l-imputat Borg ma riedx johrog. Jghid li l-imputati nhargu mill-Burger King u gew arrestati. Jixhed: *"Niftakar il-missier beda jghajjarna hafna beda jghidilna li ha joqtolna u jaqtalna l-bajd u li sejjer ghand il-Ministru u f'ghoxx il-Labour taghkom"* (*a fol.* 64). Jghid: *"Pero' issa kienu tlieta, jekk mhux sejjer zball kienu tlieta fil-vann u l-vann bdew jaghtuh daqqiet kbar li x-xufier qisu' beza'"* (*a fol.* 64).

- PC 1039 Marshall Mallia spjega li meta waslu quddiem l-Axis sabu madwar hmistax (15) il-ruh jiggieldu bejniethom u li mentri l-imputat Stafrace kellu daqqa fuq rasu n-naha ta' wara tal-iskutella, l-imputat Borg kellu hafna demm ma' wiccu. Spjega kif ra madwar tliet min nies jaqbzu fuq is-Surgent La Grasta u jghid li daruh. Jixhed kif iz-zewg imputati rrifjutaw li johorgu mit-*toilets* ta' Burger King u li s-Surgent qabad lill-imputat Borg minn idu u hargu l-barra f'liema hin l-imputat Borg qabad jghajjat u ntefa' mal-art. Spjega wkoll li l-imputat Stafrace hareg jigri minn got-*toilet* u qabez fuq Pulizija u li meta waslu quddiem l-Ghassa tal-Pulizija l-imputat Borg rega' beda jsir aggressiv. Specifika li Borg qal: *"naqtghalek il-bajd, ha nkellem lill-Ministru ha naqghalek minn Pulizija, daqshekk ha tilbes l-uniformi […] f'ghoxx il-Labour taghkom"* (*a fol.* 79).

- PC 271 Anthony Saliba spjega li hekk kif wasal hdejn l-Axis kien hemm tgegwigija ta' nies u ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Jixhed li, meta kien fil-Burger King, l-imputat Borg rrezista l-arrest tant li ntefa' mal-art u wara li ngabar, xehed li qal: *"Il-kliem kien*

*"naqtalghkom il-bajd"* u *"nsibkom kollha" fost kliem oxxen iehor jigifieri"* (*a fol.* 153).

- PC 450 Christopher Bartolo spjega li meta mar flimkien ma' kollegi tieghu hdejn l-Axis, zamm lill-imputat Borg u minkejja li beda jghidlu li kien Pulizija, l-imputat Borg dar biex jaghti bil-minkeb u li dan ifexx jidghi u jghajjat. Spjega li aktar tard hu u diehel Burger King ra lill-kollegi tieghu u lill-imputati u li f'hin minnhom l-imputat Borg infexx jidghi u joffendiehom u li t-theddid u l-offizi komplew anke meta waslu l-Ghassa tal-Pulizija.

- PS 601 Justin Spiteri spjega li l-imputat Borg irrifjuta li johrog mill-Burger King.

- PC 1372 Alan Cutajar xehed li meta twasslu z-zewg imputati fl-Ghassa tal-Pulizija, hekk kif l-imputat Borg iddahhal fic-cella, Borg beda jghid diversi kliem dispreggjattiv u ghamel theddid fil-konfront tal-Pulizija. Jixhed: *"Beda jghid li kollha jreddahhulhom u inpattiehilhom, misshom ma' ndahlux fil-glieda, beda jghid ukoll li l-ghada ser imur fuq in-Net biex jghid x'kien gara u ma garax. Beda jhedded ukoll li kollha ser ninqalghu mill-SAG, la ma arrestawx lill-ohrajn, inreddawulhom"* (*a fol.* 147).

- PC 850 Stephen Micallef spjega li meta z-zewg imputati ttiehdu fl-Ghassa tal-Pulizija, l-imputat Borg beda jghid kliem *"inreddaghulhom, inpattiehilhom, noqtolhom"* (*a fol.* 150). Jghid ukoll li l-imputat Borg beda jghid li kien ser inehhiehom mill-SAG.

- Dr. Angel Farrugia klassifikat il-griehi sofferti minn PS 321 La Grasta u PC 1039 Marshall Mallia bhala griehi ta' natura hafifa. Hija kkonfermat iz-zewg certifikati medici rilaxxati minnha.

Illi, fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 212), id-difiza tghid li l-Pulizija ammettew li kienu taw bil-lembuba. Il-Qorti tinnota li PS 321 La Grasta qal hekk: *"kulhadd jaghti u f'hin minnhom tar ghal fuqi"* (*a fol.* 64). Jghid ukoll: *"U f'hin minnhom dan hasadni u tajtu daqqa ta' lembuba fejn naf cert li hadtu fuq mohhu"* (*a fol.* 64). Filwaqt li jirrizulta li PS 321 La Grasta kellu l-lembuba pero' l-Qorti ma tara l-ebda

eccess fl-uzu taghha kif inghad mid-difiza. Da parte tieghu, PC 1039 Marshall Mallia jikkonferma wkoll li PS 321 La Grasta kellu lembuba f'idu u li beda jimbotta lin-nies biha: jispecifika li beda jressaq in-nies lura. Mallia xehed li ma rax lil La Grasta jaghti biha. Il-Qorti zzomm f'mohhha s-sitwazzjoni li gew affaccjati biha l-Pulizija meta marru quddiem l-Axis u sabu dik il-kommozzjoni ma' wicchom. Jidher li z-zewg imputati ma kienux lucidi anzi jirrizulta li kienu bil-kontra specjalment l-imputat Borg!

Illi l-Qorti rat u ezaminat il-filmati li jiffurmaw parti mill-atti processwali li minnhom il-Qorti setghet tiehu idea tal-konfuzjoni li kien hemm quddiem l-Axis u fil-Burger King pero fl-istess waqt id-dettalji ma jidhrux wisq.

Illi minkejja dak li jirrizulta mir-rapport redatt minn Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 169 *et seq.*) u minkejja dak li nghad miz-zewg imputati fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom, il-Qorti tinnota li tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali fl-assiem taghhom. Jirrizulta li l-imputati baqghu ma xehdux f'dawn il-proceduri (kif inhuwa dritt taghhom) u anqas ressqu provi in difeza. Minkejja dan, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta fl-atti processwali u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-Ufficjali tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Ghaldaqstant, isegwi li l-Qorti jirrizultalha li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija f'Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfacentement pruvati.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car li z-zewg imputati kisru Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ser tinstab htija fiz-zewg imputati fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):</u>**
Illi Artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa' maqtul jew offiż fuq il-persuna, u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiż, jeħel, meta jinsab ħati:
>
> […]
>
> (d) fil-każ ta' offiża ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet".

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, fejn saret riferenza, fost l-ohrajn, ghall-konfuzjoni li kien hemm quddiem l-Axis meta kien hemm iz-zewg gruppi ta' nies jiggieldu, il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu certifikati medici rilaxxati fil-konfront ta' PS 321 La Grasta u PC 1039 Marshall Mallia (Dok. "TM 1" u "TM 2" – *a fol.* 13 u 14). Dawn iz-zewg certifikati medici gew kkonfermati minn min irrilaxxhom cioé minn Dr. Angel Farrugia li klassifikat il-griehi sofferti mill-ufficjali msemmija bhala griehi ta' natura hafifa. Filwaqt li PC 1039 Marshall Mallia xehed li l-griehi sofferti minnu graw meta kienu quddiem l-Axis waqt li kien qieghed jaqla' lill-imputat Stafrace minn fuq is-Surgent, da parte tieghu PS 321 Alan La Grasta xehed li l-griehi soffriehom meta kienu hdejn il-Havana (*ossia* hdejn l-Axis).

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jipprovdi Artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja tal-imsemmija imputazzjoni wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 238(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 238(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min iqajjem rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmel omiċidju jew offiża fuq il-persuna, jeħel, meta jinsab ħati –

[…]

(b) jekk xi ħadd jiġi offiż fuq il-persuna, il-piena stabbilita għal dik l-offiża miżjuda bi grad".

Illi minkejja li mill-atti processwali jirrizulta li z-zewg imputati kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' nies liema grupp kellu xi jghid ma' grupp iehor ta' nies, u minkejja dak maghmul miz-zewg imputati fil-konfront tal-Pulizija u li b'konsegwenza ta' hekk l-imputati ser jinstabu hatja tal-ewwel tliet imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom, il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata u dana *stante* li l-Qorti <u>ma jirrizultalhiex</u> li l-imputati qajmu xi rewwixta jew glieda <u>bil-hsieb</u> li jaghmlu offiza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija u persuni ohra mhux maghrufa. Dawn l-hekk imsejha "rewwixta" jew "glieda" ma jirrizultawx abbinati ma' xi "hsieb" li ssir xi offiza kif jezigi Artikolu 238(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib htija fiz-zewg imputati fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** deciza fit-23 ta' Gunju 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun

> hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-eghmil. […D]an ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah *"a breach of the peace*"".

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti iccitat b'approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza **Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et** [Kolloz Vol. XII, p. 472, 475] kien qal:

> *"Che il buon ordine e la tranquillità pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, é violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Illi ndubbjament fl-agir u l-atteggjament litigjuz tal-imputati, kien hemm dan l-element ta' minaccja ghas-sigurezza individwali u nholoq ukoll certu biza' u preokuppazzjoni f'terzi. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputati ser jigi misjuba hatja tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht is-sitt imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil-25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li

wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Austin Grech**). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun *prima facie* legittimu, jigifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga *prima facie* rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li z-zewg imputati naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija u dana kemm meta l-imputati kienu quddiem l-Axis u kif ukoll meta kienu fl-istabbiliment Burger King. Ghalhekk isegwi li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja taghha.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva fil-konfront tal-imputat Borg biss)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni gie akkuzat biss l-imputat Borg li gie akkuzat li huwa recidiv. L-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju 2009 (Dok. "TM 1" – *a fol.* 193 *et seq.*). Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 167) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lill-Ufficjal Prosekutur tas-sentenza Dok. "TM 1" (*a fol.* 193 *et seq.*) stante li d-difiza rrikonoxxiet li John Borg indikat fis-sentenza msemmija hu wiehed mill-imputati fil-kawza odjerna.

Illi ghandu jinghad li, fis-sentenza hawn fuq imsemmija, il-piena kienet dik ta' multa. Il-Qorti tinnota li ma giex pruvat jekk din il-multa gietx imhallsa u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Anthony Said** moghtija fl-10 ta' Lulju 2015 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Id-diċitura tal-Artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess Artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioé li t-termini preskritti fl-Artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tinnota li filwaqt li jirrizulta li s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Borg giet sodisfacentement pruvata pero ghandu jinghad li l-Qorti ser tikkunsidra lill-imputat Borg li huwa recidiv <u>biss</u> *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni. Filwaqt li l-imputat Borg ser jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, l-imputat Stafrace ser jinstab hati taghhom ukoll ghajr ghas-seba' (7) imputazzjoni.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati. <u>Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputati fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija huwa ta' min jistmerru. Il-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata u dana b'mod specjali meta si tratta ta' ufficjali tal-Pulizija li qeghdin hemm ghas-sigurta' tac-cittadin u sabiex izommu l-ordni. Ghandu jintwera</u>

rispett lejn l-ufficjali tal-Pulizija. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali taz-zewg imputati (Dok. "JB" – *a fol.* 53 *et seq.* u Dok. "SS" – *a fol.* 57) fejn filwaqt li l-fedina penali tal-imputat Stafrace hija wahda kompletament nadifa, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-imputat Borg.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront taz-zewg imputati. Minflok, il-Qorti hija tal-fehma li apparti li tikkundanna liz-zewg imputati ghall-hlas ta' multa jew ammenda skond il-kaz, fic-cirkostanzi tkun aktar opportuna piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront taghhom bil-ghan li l-imputati jifhmu li dak li huma ghamlu dakinhar tal-1 ta' Frar 2015 fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija kien hazin hafna u jaghrfu ma jergghux jirrepetuh. Minhabba li l-imputat Stafrace ghandu l-fedina penali tieghu kompletament nadifa u minhabba li fil-konfront tal-imsemmi Stafrace ghandu japplika Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li huwa kellu ftit xhur anqas mill-eta' ta' tmintax il-sena meta kkommetta l-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-piena moghtija fil-konfront tal-imputat Stafrace ser tkun kemmxejn differenti minn dik tal-imputat Borg.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

ma ssibx lill-imputati John Borg u Shamison Stafrace hatja tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk tilliberahom minnha,

wara li:

fil-konfront tal-imputat **<u>John Borg</u>** rat Artikoli 49, 95, 96(a), 237(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

fil-konfront tal-imputat **Shamison Stafrace** rat Artikoli 37(2), 95, 96(a), 237(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat **John Borg** hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu,

issib lill-imputat **Shamison Stafrace** hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu

u filwaqt li

lil **John Borg** tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6000) u ghall-perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin,

lil **Shamison Stafrace** tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) u ghall-perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati Borg u Stafrace fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien erba' (4) snin u sentejn rispettivament.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hatja Borg u Stafrace sabiex *in solidum* bejniethom fi zmien sena millum ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-

somma ta' tmien mija u tlieta u tletin Euro u erbatax il-centezmu (€833.14).[2]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[2] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 103 *tergo*) (€572.34); Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 190) (€260.80).